MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Numru. 6/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Kylie Borg**

**VS**

**Alfred Galea, iben Louis u Pia nee' Pace, imwieled Tal Pieta' nhar l-20 ta' Jannar, 1970, residenti fil-fond numru 57, Triq it-Tlieta u Ghoxrin ta' April, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 70270M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Alfred Galea** li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Dicembru, 2013, ghall-habta tas-6.00 ta' filghodu, gewwa l-Floriana:

1. Ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' Carmelo Micallef, liema offizi jitqiesu li huma gravi skont kif iccertifikat Dr S Azzopardi MD.

Rat illi moqrija l-istess akkuza, l-imputat wiegeb ili kien hati tal-istess.

Rat illi gie anke prezentat Pre-Sentencing Report mill-Ufficjal tal-Probation appozitamenet mahtura, Dok OB, folio 37.

Rat ghalhekk il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-istess Ufficjal tal-Probation u cioe':

"*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura sabiex jigi kkumpilat dan ir-rapport, tinhass il-htiega illi l-imputat jinghata l-gwida necessarja sabiex jirriforma hajtu. Ghaldaqstant qed jigi rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Alfred Galea jinghata Ordni ta' Probation bil-kundizzjoni li mhux biss jimxi mad-direttivi moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation, izda li jibqa' jircievi l-ghajnuna necessarja ghall-problema tal-alkohol fi hdan l-Agenzija Sedqa.*"

Rat ukoll l-istqarrija li rrilaxxa l-imputat a folio 8. Hemm qal illi filghodu mar hdejh Charlie – il-ferut, li kien ftit xurban, dan waqt illi hu kien fil-forn. Ried ikeccieh 'il barra minhabba n-nies. Rega' mar lura u mbuttah. Jghid anke li qabad xkupa. Qal illi ghamel hekk ghax dan Charlie ma ried jitlaq b'xejn. Qal illi beda jaghtieh bl-ixkupa ghax intilef. Qal illi kien jaf illi weggghu ghax wara dan Charlie, il-ferut, rega' mar jurieh il-griehi li kienu gew kagunati lilu. Qal ukoll illi hu rreagixxa b'dan il-mod anke ghax dan Charlie kellu sikkina li pero ma harigx minn hziemu. Raha biss. Qal illi din is-sikkina raha wkoll wara ghax kienu marru l-pulizija, u haduhielu. Qabel pero li meta tah bl-ixkupa, Charlie ma kellux sikkina fuqu, skondtu gabha mill-kazin wara li kien mar lura mill-Isptar.

Tinnota wkoll il-Qorti li fil-fatt, skont ic-certifikat mediku ezebit ta' dan Charlie (Charles Micallef a folio 17), illi hu rrifjuta li jmur l-Emergenza A & E.

Ikkunsidrat:

Illi in vista’ tal-ammissjoni tieghu, qieghda ssib htija wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u qeghda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tikkundannah ghal sena prigunerija  sospiza ghal sentejn.

Rat illi l-imputat ftit donnu qieghed jifhem l-agir tieghu u l-konsegwenzi tieghu. Rat pero’ l-Qorti illi moghti diversi opportunitajiet huwa issa qed jattendi b’success l-agenzija Sedqa dan biex jikkontrolla l-vizzju tieghu ghal abbuz ta’ alkohol. Qeghda ghalhekk ukoll tqeghdu taht orndi ta’ supervizjoni u dan wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ordni hija ghal sentejn mil-llum.   B’dan illi huwa ghandu jsegwi b’mod skrupoluz dawk id-direzzjonijiet lilu moghtija mill-agenzija Sedqa u b’mod partikolari l-key worker tieghu Lorraine Galea (jew min minnhom).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------